MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Numru 269/2008

**Borg Transportation Limited**

**Vs**

**William Bugeja u martu Pauline Bugeja ghal kull interess li jista' jkollha bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' zewgha William, Johnny Bugeja u martu Ritianne Bugeja ghal kull interess li jista' jkollha bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' zewgha Johnny**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tal-attrici li bih, wara li fissret illi:

Illi l-konvenuti ezercitanti l-kummerc taht l-isem Bugeja & Bugeja, ghandhom jaghtu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ erbghin elf erbgha mija u erbgha u sittin Euro u sitt centezmi (€ 40,464.06 ekwivalenti ghal Lm 17,371.21), rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ diesel mibjugh u moghti lilhom fuq ordnijiet taghhom stess u li baqa’ ma thallasx.

Illi l-konvenuti debitament interpellati jhallsu din is-somma baqghu inadempjenti.
Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talbiet rikorrenti.

Talbet illi l-qorti;

Tghaddi biex taqta’ u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta’ l-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Tiddikjara lill-konvenuti in solidum bejniethom bhala debituri versu s-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ erbghin elf erbgha mija u erbgha u sittin Euro u sitt centezmi (€40,464.06) ekwivalenti ghal Lm 17,371.21) dovuti ghar-ragunijiet suespost.

Tikkundanna lill-istess konvenuti in solidum bejniethom jhallsu l-ammont hekk dovut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet mit-tletin gurnata wara d-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rati permessi mill-ligi, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi deher il-konvenut William Bugeja li f’ismu u f’isem il-konvenuti l-ohra ammetta it-talba kif maghmula fir-rikors wara illi l-qorti fissritielu.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba maghmula fir-rikors tirrizulta pruvata:

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attrici kif maghmula fir-rikors bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------